.13.

TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 490/11 (JE).

Victoria u Rebecca Zammit

vs

Marthese Bugeja Travel Ltd.

Illum, 31 ta' Jannar 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Victoria u Rebecca Zammit tal-21 ta' Novembru 2011 fejn stqarru illi fit-8 ta' Settembru 2011 huma marru ġita ta' erbat ijiem fi Sqallija mas-soċjetà konvenuta imma l-programm tal-ġita ma mexiex skond kif imwiegħed. Ilmentaw ukoll dwar l-aġir tat-tour leader u ta' żewġha.

Ra r-risposta dettaljata tas-soċjetà konvenuta fejn ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-atturi u ġġustifikat kwalunkwe diverġenza li seħħet mill-programm tal-ġita għal xi raġuni jew oħra.

Illi fil-31 ta' Mejju 2012, it-Tribunal ordna illi dina l-kawża tinstema flimkien mal-kawżi illi saru minn Mary Rose Gatt, Margaret Camenzuli, Anna Micallef u Mary Rose Giordmaina kontra l-istess soċjetà konvenuta dwar l-istess tour.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, it-Tribunal huwa sodisfatt illi kien hemm bosta nuqqasijiet fit-tour in kwistjoni. Illi jidher ċar illi kien hemm bosta okkażjonijiet fejn programm tat-tour ma ġiex segwit għal xi raġuni jew oħra. Illi jidher illi kemm f'Modica kif ukoll f'Sirakuża, il-ġitanti ma ttieħdux iżuru l-postijiet illi kienu msemmija fil-programm. L-anqas ma ttieħdu jżuru Ragusa Ibla kif ġie rikonoxxut mill-istess soċjetà konvenuta taħt il-pretest illi t-tour leader riedet tmur tiġbor il-mobile tagħha illi kienet ħalliet fis-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ f'Sirakuża. Sinjifikattiva ukoll kienet ir-retiċenza li kien hemm sabiex l-ġitanti jżuru Sicilia Fashion Village u l-fatt illi waqt il-vjaġġ għal dan iċ-ċentru kummerċjali, ix-xufier illarga u ħalliehom f'nofs ta' triq għax allegatament kellu puncture u meta rritorna lura, il-ġitanti sabu li l-affarijiet illi kienu ħallew fil-bus kienu ġew imċaqalqa.

Jidher ukoll illi l-atteġjament tat-tour leader m'hux dejjem kien korrett u kienet bruska fil-konfront tal-ġitanti. Tali komportament żgur m'huwiex aċċettabli, anke jekk forsi l-ġitanti kienu jidhru esiġenti wisq.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-atturi limitament fis-somma ta' € 150 bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.